*Proprjetarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* il-parti l-oħra fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* revoka parzjali tar-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja Nru 1495100

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni parzjalment annullata, appell miċħud għall-bqija tal-prodotti u appell sussidjarju miċħud

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikolu 50(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, billi l-Bord tal-Appell iddeċieda b'mod żbaljat li jirrevoka t-trade mark Komunitarja għall-prodotti kollha fil-klassi 12 minkejja li ddeċieda li kien hemm evidenza ta' użu ġenwin ta' sub-kategorija identifikabbli ta' prodotti fil-klassi 12. Barra minn hekk, wettaq żball ta' liġi billi ma applikax is-soluzzjoni fil-kawża Ansul BV vs Ajax Brandbeveiliging (C-40/10) li tgħid li l-użu tat-trade mark għal partijiet jippreżerva r-reġistrazzjoni tal-prodotti li tagħhom huma parti integrali.

---

## Rikors ippreżentat fit-8 ta' Frar 2012 — K2 Sports Europe vs UASI — Karhu Sport Iberica (SPORT)

## (Kawża T-54/12)

(2012/C 109/47)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* K2 Sports Europe GmbH (Penzberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Güell Serra, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Karhu Sport Iberica, SL (Cordoba, Spanja)

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tad-29 ta' Novembru 2011, fil-Każ R 986/2010-4;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* Karhu Sport Iberica

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva bl-iswed u bl-abjad "SPORT", għal prodotti fil-klassijiet 18, 25 u 28 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 7490113

*Proprjetarju tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* K2 Sports Europe

*Trade mark jew sinjal invokat:* ir-reġistrazzjoni bħala trade mark Ġermaniża Nru 302008015437 għat-trade mark verbali "K2 SPORTS", għal prodotti fil-klassijiet 18, 25 u 28; ir-reġistrazzjoni bħala trade mark internazzjonali Nru 982235 għat-trade mark verbali "K2 SPORTS", għal prodotti fil-klassijiet 18, 25 u 28

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda fl-intier tagħha

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, sa fejn il-Bord tal-Appell: (i) ma ħax inkunsiderazzjoni l-fatt li, minħabba l-identiċità tal-prodotti inkwistjoni, id-differenzi bejn it-trade marks huma mmitigati; (ii) wettaq evalwazzjoni żbaljata tat-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni minħabba li ħa l-pożizzjoni li ma kien hemm ebda probabbiltà li l-pubbliku jipperċepixxi l-element figurattiv bħala rappreżentazzjoni tal-ittra K; (iii) ippreżuma b'mod żbaljat li peress li l-kelma "SPORT" tinftiehem fit-territorji rilevanti kollha, din il-kelma ma kellhiex tittieħed inkunsiderazzjoni fl-analiżi komparattiva; (iv) żbalja meta qabbel is-sinjali; u (v) hemm probabbiltà ta' konfużjoni bejn it-trade marks kunfliġġenti minkejja li jista' jkun li l-kelma "SPORT" għandha karattru distintiv dgħajjef.

---

## Rikors ippreżentat fid-9 ta' Frar 2012 — IRISL Maritime Training Institute et vs Il-Kunsill

## (Kawża T-56/12)

(2012/C 109/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* IRISL Maritime Training Institute (Tehran, l-Iran), Kara Shipping and Chartering GmbH & Co. KG (Hamburg, il-Ġermanja), Kheibar Co. (Tehran, l-Iran), Kish Shipping Line Manning Co. (Kish Island, l-Iran), Fairway Shipping Ltd (Londra, ir-Renju Unit) u IRISL Multimodal Transport Co. (Tehran, l-Iran) (rappreżentanti: F. Randolph u M. Lester, Barristers, u M. Taher, Solicitor)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea